# M I N U T I

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 50**

8 t'Awwissu 2018

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fis-2.00 ta' waranofsinhar.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vince Borg | ( VB ) | V/Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Grech Sant | (AGS) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |

SKUŻAT:- 0

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier — Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 50.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI;

50.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 50.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

50.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tad-disa' u erbgħin (49) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

50.2.2. Il-Kunsillier AD ressaq mozzjoni issekondata mill-Viċi Sindku VB favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (AD, VB, JAE, DSH, AGS)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

50.2.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 49.2.5 rigward il-Fosos u staqsa jekk kienx hemm risposta mill-Ministru Owen Bonnici. Is-Sindku DSH qalet li sa dakinhar ma kien għad hemm l-ebda risposta.

50.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 49.2.6 rigward il-mapep fil-Waterfront. Is-Sindku qalet li bagħtet email ta' tfakkira u għandha terġa' tibgħat tfakkira oħra.

50.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 49.10.5 rigward it-tabella tal-lokalita li hemm fi Triq Sa Maison. Is-SE informat li l-uffiċċju kien qed jaħdem fuqha kif ukoll fuq it-tabella tal-lokalita li hemm int u sejjer għall-Ħamrun.

### 50.3 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

50.3.1. Is-Sindku DSH qalet li tinsab informata li Anna Mangion kienet għamlet reviżjonijiet tal-pjanti tal-Ferris Wheel. Is-Sindku qalet li l-Kunsill għandu jitlob lill-konsulenti tiegħu sabiex jirrevedu din l-applikazzjoni.

50.3.2. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand sid ta' negozju li applika għall-permess sabiex jinħarġu imwejjed u siġġijiet quddiem il-ħanut tagħhom. Is-Sindku qalet li s-sidien informawha li kienu diġà ġabu permess mill-Kunsill xi snin ilu iżda issa l-proċedura kienet inbidlet u l-applikazzjoni trid tmur quddiem l-Awtorità' tal-Ippjanar. Is-Sindku staqsiet jekk il-Kunsill kellux oġġezzjoni. Il-Viċi Sindku VB spjega kif sa ħames snin ilu, il-permessi kienu diġà jinħarġu mill-Awtorità tal-Ippjanar. Huwa qal li hemm problema minħabba li s-siġġijiet u l-imwejjed se jkunu fit- triq u mhux fuq bankina jew *pletform* kif mitlub mil-linji gwida. Il-Kunsill ma qabilx li għandu joħroġ *no objection* u jmur kontra l-linji gwida stabbiliti mill-Awtorità tal-Ippjanar. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jinforma lis-sidien sabiex jipproċedu mal-Awtorità tal-Ippjanar.

50.3.3. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kien ser jibda jintrama l-palk għall-Opra Maltija Aħna Refuġjati u għandhom sal-5/6 ta' Settembru 2018.

50.3.4. Is-Sindku qalet li kienet informata li kienet laħqet Supretendent tal-Pulizija ġdid – Is-Sinjura Maria Stella Cutajar, u għalhekk proponiet li tintalab laqgħa magħha. Il-Kunsill qabel.

## 50.4 RAPPORTI

50.4.1. Is-SE ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapport aġġudikattiv tas-sejħa għall-offerti għal *road resurfacing* imressaq mill-Bord tal-Evalwazzjoni. Il-Kunsill qabel li għandu jagħżel l-offerent propost mill-Bord tal-Evalwazzjoni.

## 50.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

50.5.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-Forum ta' Riġenerazzjoni.

50.5.1.1. Is-Sindku qalet li kienet bagħtet diversi tfakkiriet lill-President iżda sa dakinhar kien għad ma kellha l-ebda risposta.

50.5.1.2. Il-Kunsillier JAE propona li l-Kunsill ifittex bnadi oħra sabiex ikun jista' jmexxi minn naħa tiegħu. Is-Sindku qalet li ma tħossx li jkun ġust li tinqabeż il-President ladarba kienet involuta u proponiet li terġa tipprova tikkuntattja sal-laqgħa li jmiss.

50.5.1.3. Il-Kunsillier JAE qal li jħoss li hemm bżonn nimxu fuq ir-riġenerazzjoni għax ma kienx għad fadal wisq żmien.

50.5.1.4. Is-Sindku qalet li għandna wkoll nitkellmu mal-Forum ta' Riġenerazzjoni u qalet li s-Segretarju tiegħu għandu jassumi responsabbilta wkoll.

50.5.2. Il-Kunsillier AGS staqsa rigward il-proġett ta' Triq Sant'Anna u min kien qed jieħu ħsiebu. Is-Sindku wieġbet li l-GHRC kienu għaddejjin b'diskussjonijiet biex jaraw x'viżjonijiet hemm għal Triq Sant'Anna u qalet li kienu għadhom qed jiddiskutu l-alternattivi. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx ser ikun hemm taħditiet mal-Kunsill eventwalment. Is-Sindku qalet li għalissa kienu qed janalizzaw biss x'jista' jsir. Il-Viċi Sindku VB qal li kien qed jaraha diffiċli li t-triq tiġi pedestrijanizzata minħabba s-*side roads* li hemm tul it-triq kollha.

50.5.3. Il-Kunsillier AGS staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp mal-Ministru Farrugia. Huwa qal li s-swar kienu qed jiġu rranġati b'mod tajjeb iżda l-estetika ta'dawk fl-inħawi tal-Bażi Marittima tal-Forzi Armati ta' Malta kienet qed tkerrah iż-żona. Is-Sindku qalet li hi kienet tkellmet mal-uffiċċju tal-Ministru li nformawha li l-Kunsill kellu jirċievi appuntament għal-laqgħa f'qasir żmien.

50.5.4. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill jistax jitlob laqgħa mal-Ministru Ian Borg rigward l-iskema ta' parkeġġ. Is-Sindku qalet li kienet tkellmet mal-Ministru li nfurmaha li kienu għadhom għaddejjin id-diskussjonijiet bejn il-lokalitajiet, fejn mhux kull lokalita kienet qed taqbel. Is-Sindku qalet li għandha tikkuntattja lis-Segretarju privat tal-Ministru sabiex titlob laqgħa mal-Ministru.

50.5.5. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm żvilupp dwar it-talba għal sinjali fil-Masġar tal-Ġublew. Is-Sindku wieġbet li ma kienx għad hemm risposta u li għandha terġa tibgħat tfakkira.

## 50.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTOKUMITATI;

50.6.1. Il-Viċi Sindku VB qal li matul l-aħħar laqgħa li nżammet tar-Reġjun Xlokk, kienu nformaw li kien ġie approvat l-ammont ta' €12,700 bħala kumpens għall-proġett tat-tarmac li kien sar fl-inħawi tal-Istitut Kattoliku. Huwa qal li l-Kunsill għandu jirċievi dan ir-rimbors f'qasir żmien.

## 50.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

50.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 42/07 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

50.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier James Aaron Ellul u ssekondata mill-Viċi Sindku Vincent Borg, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 50.8 MOZZJONIJIET

50.8.1. Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

## 50.9 OFFERTI PUBBLIĊI

50.9.1. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li l-għada kien ser jiltaqa' l-bord tal-aġġudikazzjoni tal-konċessjoni tal-gabbana fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V biex jiddiskutu l-offerta sottomessa.

50.9.2. Is-Sindku nformat li s-saqaf tal-kiosk kien tlesta matul dik il-ġimgħa.

50.9.3. Is-Sindku nformat ukoll li t-tender tal-ġbir ta' skart kien ġie mogħti wara li l-perjodu tal-appell kien għalaq u għandu jiġi informat l-offerent magħżul.

50.9.4. Is-Sindku qalet ukoll li kienet ġiet ippubblikata is-sejħa għall-offerti tal-manutenzjoni tas-*soft areas* li kienet ser tagħlaq fil-ġimgħat li ġejjin.

## 50.10 KORRISPONDENZA

### 50.10.1. KORRISPONDENZA MINGĦAND FLORIANA FC

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Floriana FC fejn offrew li jiġi organizzat Greens Night b'mod konġunt fi Ġnien Sir Luigi Preziosi nhar il-Ġimgħa 10 t'Awwissu. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjonijiet tas-soltu.

### 50.10.2. KWOTAZZJONI MINGĦAND P&D CONSULTANCY SERVICES

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand P&D Consultancy Services, l-accountants tal-Kunsill, fejn ressqu kwotazzjoni għal servizz addizzjonali li ser ikun hemm bżonn jingħata matul perjodu ta' *maternity leave* tal-uffiċjal inkarigat minn din is-sezzjoni, li jammonta għal €16 kull siegħa. Il-Kunsill aċċetta l-kwotazzjoni.

### 50.10.3. TALBA MINGĦAND IL-MALTA GLOSTER BREEDERS SOCIETY

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Malta Gloster Breeders Society li talbu l-għajnuna tal-Kunsill fi proġett li qed jagħmlu. Il-Kunsill ma laqax din it-talba minħabba li r-restrizzjonijiet finanzjarji tiegħu ma jippermettux li jkun jista' jgħinhom finanzjarjament. Il-Kunsill qabel li joffrilhom jipparteċipaw f'Ġenna ta' Ġonna.

### 50.10.4. KORRISPONDENZA MID-DIPARTIMENT GĦALL-GVERN LOKALI

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn informaw li l-Ministru kien approva l-estensjoni tal-ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qalet li l-Kunsill għandu jaħseb għal sostitut matul il-perjodu li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv ser tkun bil-maternity leave. Il-Kunsill qabel li matul dak il-perjodu, għandu jiġi appuntat is-Sur Svetlick Flores, eks Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Floriana. Għandha ssir komunikazzjoni miegħu biex isir magħruf jaċċettax din in-nomina.

### 50.10.5. KORRISPONDENZA MINGĦAND COLOURS OF MALTA

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Colours of Malta fejn talbu permess sabiex tinżamm attività fuq il-Fosos bejn l-10 u l-15 ta' Marzu 2018. Is-Sindku qalet li l-uffiċċju kien ħa ħsieb jinformahom bid-dettalji u l-kundizzjonijiet iżda ma kienx hemm risposta mingħandhom. Il-Kunsill qabel li għandu jistenna konferma mingħandhom qabel ikompli jiddiskuti din il-materja.

### 50.10.6. KORRISPONDENZA MILL-ASSOĊJAZZJONI TAL-KUNSILLI LOKALI – QBID TA' ĦAMIEM

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-President tal-AKL fejn informa lill-kunsilli lokali li kienet inħarġet sejħa għall-offerti għall-qbid tal-ħamiem b'mod umanitarju. Is-Sindku qalet li l-Kunsill għandu jiġi mogħti iktar dettalji iktar 'il quddiem ladarba tagħlaq din is-sejħa.

### 50.10.7. ĠABRA TA' SKART ORGANIKU

Is-Sindku DSH informat lil-Kunsill b'laqgħa li nżammet mal-Wasteserv u mal-MSDEC rigward il-ġbir ta' skart organiku li ser jibda jinġabar mill-aħħar t'Ottubru. Is-Sindku nformat li kien ser ikun hemm kampanja edukattiva, riklami u anke rappreżentanti li jiġu fil-lokalita jduru bieb bieb sabiex jedukaw lin-nies. Is-Sindku qalet li l-ġabra ta' skart organiku kienet ser issir nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa. Is-Sindku qalet ukoll li huma indikaw li nhar ta' Ħadd ma kienitx ser tibqa tinġabar il-borża s-sewda.

Is-SE informat li kienu ser jingħataw multi lil dawk li joħorġu l-boroż mhux fil-ġurnata stipulata u qalet ukoll li l-mira kienet li l-borża s-sewda tinqata kompletament.

Il-Kunsillier JAE qal li l-maġġoranza tar-residenti tal-lokalita m' għandhomx ġardina jew bitħa fejn jistgħu ipoġġu l-boroż li ma jinġabrux u qal li tali fattur kien hemm bżonn li jingħata kunsiderazzjoni.

Is-Sindku qalet li kienet tkellmet ma' kunsilli lokali parteċipi fil-proġett pilota tal-ġbir ta' skart organiku li ma kienux kuntenti bir-riżultat ta' din il-ġabra u qalet li ser tiddiskuti dan il-proġett ma' sindki oħrajn. Il-Kunsill wera t-tħassib tiegħu u qal li jispera li jkun hemm l-infurzar neċessarju biex dan il-proġett ikun suċċess.

Is-Sindku nformat li l-Kunsill kien proponilhom li jipparteċipaw matul l-attività ta' Ġenna ta' Ġonna f'Ottubru li ġej.

### 50.10.8. ĠBIR TA' ĦWEJJEĠ UŻATI

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Refab li bagħatu skeda ta'  kif qed jiġi monitorjat il-*clothes bank* eżistenti. Huma nformaw lill-Kunsill li kienu qed joffru servizz ta' ġabra ta' ħwejjeġ użati minn wara l-bibien iżda l-Kunsill ma laqax din it-talba. Huma nformaw ukoll li kienu jiġbru affarijiet elettroniċi iżda l-Kunsill ma ħassx il-ħtieġa ta' dan is-servizz ladarba diġà kien hemm *electronics bin* fid-Dar tal-Kunsill. Huma proponew li titpoġġa kaxxa oħra fil-lokalita. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li titpoġġa kaxxa oħra maġenb dik eżistenti.

50.10.9. **IL-KAŻ KONTRA S-SUR JUSTIN ATTARD**

Is-Sindku informat li kienet ġiet avviċinata mill-Avukat tas-Sur Justin Attard li ppropona li tiġi riżolta l-kwistjoni legali li l-Kunsill għandu mal-klijent tiegħu. Is-Sindku qalet li kienet informatu li l-każ kien ġie finalizzat bil-Qorti u għalhekk għandha tiġi osservata d-deċiżjoni tal-Qorti.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandu jinformah li kien ser isostni l-pożizzjoni tiegħu u li l-ammont dovut għandu jibqa' hekk kif determinat mill-Qorti. Huwa qabel li għandu jinformah li kien lest li jitħadded miegħu ladarba jkollu f'idu parti mill-pagament.

50.10.10. **KORRISPONDENZA MINGĦAND IS-SUR JUSTIN HABER**

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand Justin Haber fejn kien qed jikkontesta uħud mill-kontijiet mibgħuta lilu mill-Kunsill, fejn kien qed isostni li f'dak iż-żmien l-Akkademja ma kienitx baqgħet topera. Ġie nnotat però li ċ-ċavetta baqgħet għandu. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandu jieħu parir legali dwar dan.

50.10.11. **KORRISPONDENZA MINGĦAND MINDFULNESS**

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand Mindfulness fejn proponew li jiġu organizzati korsijiet għat-tfal fid-Dar tal-Kunsill, ta' kif għandhom iħarsu lejn id-dinja ta' madwarhom, għall-prezz ta' €40 għas-sessjonijiet kollha. Il-Kunsill laqa din il-proposta.

**Nota: 15:12 Il-Viċi Sindku VB talab li jkun skużat.**

**50.11 ĠENNA TA' ĠONNA**

50.11.1. Is-Sindku għamlet riferenza għall-edizzjoni li jmiss tal-attività ta' Ġenna ta' Ġonna u qalet li l-Kunsill kien irċieva diversi proposti mill-għaqdiet lokali, li għandhom jiġu diskussi u approvati mill-Kunsill.

50.11.2. Is-Sindku ressqet proposta mingħand il-Floriana FC Nursery fejn proponew li jittella turnament għat-tfal fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V kif ukoll sessjoni ta' taħriġ, bl-ispiża ma teċċedix il-€100. Il-Kunsill laqa' t-talba.

**Nota: 15:15 Il-Viċi Sindku VB reġa' attenda għal-laqgħa.**

50.11.3. Is-Sindku ressqet proposta mingħand il-Floriana Senior Citizens biex ikun hemm titjir ta' tajr fuq il-Fosos kif ukoll mużika. Fil-fond ta' din l-għaqda ser ikun hemm il-manifattura ta' dawn it-tajr, bl-ispiża ma teċċedix is-€600. Il-Kunsill laqa' t-talba.

50.11.4. Is-Sindku ressqet proposta mingħand Vilhena Band Club fejn offrew li l-banda iddur mat-toroq tal-lokalita. Il-Kunsill qabel mal-proposta bil-kundizzjoni li l-ispiża ma teċċedix l-€1000.

**Nota: 15:28 Il-Kunsillier AGS talab li jkun skużat.**

50.11.5. Is-Sindku ressqet proposta mingħand il-Floriana Ajax fejn offrew li jtellgħu turnament u jingħataw ukoll trophies. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb it-trophies.

**Nota: 15:29 Il- Kunsillier AGS reġa' attenda għal-laqgħa.**

50.11.6. Is-Sindku ressqet proposta mingħand Kappella San Publju fejn proponew li tiġi nkorporata l-kappella mal-ambjent ta' Triq l-Isqof Mauro Caruana billi jsir tiżjin fit-triq kif ukoll tittella' esebizzjoni ta' personalitajiet marbuta mal-lokalita. Il-Kunsill laqa l-proposta bil-kundizzjoni li l-ispiża ma teċċedix il-€500.

**Nota: 15:34 Il-Kunsillier AGS talab li jkun skużat.**

50.11.7. Is-Sindku ressqet żewġ proposti mingħand l-Assoċjazzjoni Publju ta' Malta fejn offrew li jagħmlu ċinema jew tour mal-lokalita.

**Nota: 15:37 Il- Kunsillier AGS reġa' attenda għal-laqgħa.**

50.11.7.1. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-ispiża m'għandiex teċċedi is-€600 għaż-żewġ attivitajiet u f'każ li dan ma jkunx possibbli, allura għandu jaqbel li joħroġ is-somma ta' €500 sabiex jittella ċ-ċinema propost. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jara liema sala kienet ser tinkera biex tittella' din l-attività u joffri s-sala tad-Dar tal-Kunsill jekk ikun hemm qbil.

**Nota: 15:44 Il-Kunsillier AGS talab li jkun skużat.**

50.11.8. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmilha ċara li dawn il-proposti qegħdin jintlaqgħu bil-kundizzjoni li tingħata riċevuta fiskali fuq kull spiża u li l-ebda pagament m'hu se joħroġ qabel ma tingħata r-riċevuta fiskali.

50.11.9. Il-Kunsillier JAE talab li l-Kunsill iħaffef il-proċess fuq Sala Robert Samut minħabba li ż-żmien kien qed igerbeb.

50.11.10. Is-Sindku qalet li għandha titkellem mas-Sinj. Jane Farrugia għall-għajnuna tagħha rigward esebizzjoni ta' fotografija li ser tittella' matul l-attività.

## 50.12 IL-KUNĊERT TA' JOSEPH CALLEJA

50.12.1. Is-Sindku qalet li l-kunċert kien sar u kien wieħed ta' suċċess. Hija qalet li l-bilanċ pendenti li l-organizzaturi kellhom mal-Kunsill kienu tħallsu iżda kien hemm xi ħsarat fuq il-Fosos minn wara l-kunċert li għandhom jirrifondu lill-Kunsill għat-tiswija tagħhom.

50.12.2. Il-Kunsill iddiskuta xi ilmenti li tressqu dwar xi ħsarat li kien hemm wara l-kunċert. Is-Sindku qalet li kull ħsara li saret għandha tiġi rimbursata.

## 50.13 L-OPRA MALTIJA AĦNA REFUĠJATI

50.13.1. Is-Sindku qalet li din l-attività kienet ser tittella' nhar il-31 t'Awwissu 2018 i t-2 ta' Settembru 2018 u li x-show għandu jispiċċa sal-11.15pm.

**50.14 Skycam fi Triq Sant' Anna**

50.14.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-proposta ta' skycam fi Triq Sant'Anna u qalet li kien hemm bżonn konnessjoni tal-internet sabiex din tkun tista' topera. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb iġib servizz tal-internet għal din il-camera.

50.14.2. Is-Sindku għamlet riferenza għall-proposta ta' camera fi Triq l-Argotti u qalet li ma kienx intlaħaq ftehim mal-MSV Life. Is-SE qalet li ser terġa tipprova tkellimhom u f'każ li ma jkunx hemm ftehim allura l-Kunsill qabel li għandu jitkellem mal-kuntrattur Skyline sabiex jara x'jista' joffrilu.

**50.15 Il-proġett tal-Ġnien Re George V**

50.15.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li s-sejħiet għall-offerti relatati ma' dan il-proġett kienu mixjin iżda sfortunatament il-Kunsill kien qed isib problema sabiex jikkomunika mal-Perit u jieħu risposti mingħandu. Il-Kunsill qabel li ma jistax ikun li jibqa' jingħata dan is-servizz mill-Perit u kien hemm bżonn li jsir xi ħaġa. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa jitkellem miegħu il-Kunsillier JAE.

**50.16 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

50.16.1. Il-laqgħa intemmet fl-4.05pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 13 ta' Settembru fis-2.00pm.

**Konfermati, illum 13 ta' Settembru 2018.**

*firmati*
Davina Sammut Hili
Sindku

*firmati*
M'Lourdes Lautier
Segretarju Eżekuttiv